# GĦALIEX JIENA GĦANDI NITGĦAMMED?

George Ebejer

L-iskop tal-Magħmudija huwa suġġett li jidher li huwa mdawwar b'ħafna kontraversja. Spiss jintqal li l-magħmudija tidher li hija l-unika ħaġa li dwarha l-Knisja ta' Kristu tgħallem. Imma hemm raġuni loġika għal din l-attenzjoni. Il-fatt tal-ħaġa huwa li l-Knisja ta' Kristu ma taqbilx mal-maġġoranza tal-gruppi reliġjużi fuq is-suġġett tal-magħmudija, għal-hekk il-magħmudija tidher li hija l-fokus tad-diskussjoni. Mhuwiex l-iskop ta' dan l-istudju biex iqajjem opinjonijiet imma pjuttost biex jeża-mina x'tgħallem il-Bibbja dwar is-suġġett tal-magħmudija.

Qabel ma nkomplu b'dan l-istudju, jekk inti għandek Bibbja nħeġġek biex taqbadha f'idek u taqra l-passaġġi kkwotati għalik innifsek. L-iskop ta' dan l-istudju huwa biex wieħed jifhem x'tgħallem il-Bibbja Mqaddsa dwar il-magħmudija. Ukoll, tajjeb li jekk inti diġa' għandek xi tagħlim tal-bnedmin dwar il-magħmudija, jiġifieri, dwar ***min*** ghandu jitgħammed, dwar ***il-mod*** tal-magħmudija u dwar ***l-iskop*** tal-magħmudija, warrab dak it-tagħlim kollu fil-ġenb u ħalli biss il-Bibbja, bħala l-Kelma ta' Alla li tiggwidak hija biss. L-aħjar mod biex tifhem x'tgħallem il-Bibbja dwar il-magħmudija huwa li tmur għall-passaġġi dwar il-magħmudija u mbagħad tistudjahom ħalli titgħallem x'jgħallmu huma. B'dan f'moħħok ħalli nib-dew l-istudju tagħna.

**Għaliex Jiena Għandi Nitgħammed**

1. **Biex inkun salvat.**

   **Mark 16:16,**

   "*Min jemmen u jitgħammed isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat.*"

   ***Min*** għandu jitgħammed? "*Min jemmen.*"

   **1 Pietru 3:21,**

   > "*U l-magħmudija, li hi xbieha ta' dan, issalvana issa wkoll mhux bit-tneħħija tal-ħmieġ tal-ġis-em, imma bi tweġiba ta' kuxjenza tajba 'l Alla, bil-qawma ta' Ġesù Kristu minn bejn l-imwiet.*"

   X'tagħmel il-magħmudija ***issa***? "Issalvana"!

2. **Hija ordni.**

   **Atti 10:48,**

*"U ordnalhom li jitgħammdu f'isem il-Mulej …"*

**Mattew 28:19,**

*"Morru mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu,"*

Għandha ***ordni*** tal-Mulej tkun obduta? (Ara Luqa 6:46; Ġwanni 14:15, 21, 23, 24).

3. **Għall-maħfra tad-dnubiet.**

**Atti 2:38,**

*"Imbagħad Pietru qalilhom: Indmu, u kull wieħed minnkom jitgħammed f'isem Ġesù Kristu għall-maħfra tad-dnubiet; u taqilgħu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu."*

X'inhu ***l-iskop*** tal-magħmudija? "*Għall-maħfra tad-dnubiet.*"

4. **Biex taħsel id-dnubiet.**

**Atti 22:16,**

*"U issa x'inti tistenna? Qum, u tgħammed, u aħsel dnubietek, billi ssejjaħ isem il-Mulej."*

X'inhu ***l-iskop*** tal-magħmudija? Biex "*taħsel dnubietek.*"

5. **Biex tidħol fis-saltna ta' Alla.**

**Ġwanni 3:5,**

*"Wieġeb Ġesù: Tassew, tassew, ngħidlek: Jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-saltna ta' Alla."*

X'għandu jagħmel wieħed biex jidħol fis-saltna ta' Alla: "*Jitwieled mill-ġdid mill-ilma u l-Ispirtu.*"

6. **Hija t-tweġiba ta' kuxjenza tajba lejn Alla.**

**1 Pietru 3:21,**

*"U l-magħmudija, li hi xbieha ta' dan, issalvana issa wkoll mhux bit-tneħħija tal-ħmieġ tal-ġisem, imma bi tweġiba ta' kuxjenza tajba 'l Alla, bil-qawma ta' Ġesù Kristu minn bejn l-imwiet."*

Hija l-magħmudija *opra* jew xi ħaġa oħra? Hija "*tweġiba ta' kuxjenza tajba 'l Alla.*"

7. **Biex tilbes 'il Kristu**

**Galatin 3:27,**

> "*Għax intom ilkoll li tgħammidtu fi Kristu lbistu 'l Kristu.*"

Min libes (sar ħaġa waħda ma') 'il Kristu? "*Intom ilkoll li tgħammidtu fi Kristu.*"

8. **Biex issir ħaġa waħda fil-mewt ta' Kristu.**

**Rumani 6:3,**

> "*Ma tafux, li minna li konna mgħammdin f'Ġesù Kristu, konna mgħammdin fil-mewt tiegħu?*"

X'jagħmel min jitgħammed? "Jitgħammed fil-mewt ta' Ġesù Kristu!"

9. **Biex inkunu mqajma ma' Kristu.**

**Kolossin 2:12,**

> "*Midfunin miegħu fil-magħmudija, li fiha intom ukoll qomtu miegħu permezz tal-fidi fil-qawwa t'Alla, li qajmu minn bejn l-imwiet.*"

Jista' wieħed "iqmu ma' Kristu" qabel ma jkun mgħammed, Midfum Miegħu fil-magħmudija?

10. **Biex nimxu fit-tiġdid tal-ħajja.**

**Rumani 6:4,**

> "*Għalhekk aħna midfunin miegħu bil-magħmudija fil-mewt: biex bħalma Kristu qam millimwiet bil-glorja tal-Missier, hekk ukoll aħna nimxu fit-tiġdid tal-ħajja.*"

Meta persuna tibda ħajja ġdida? Wara li tkun midfuna u mqajma permezz tal-magħmudija.

11. **Biex wieħed jifraħ.**

**Atti 8:39,**

*"U meta telgħu mill-ilma, l-Ispirtu tal-Mulej ħataf 'il Filippu, hekk li l-ewnuku ma rahx aktar: u baqa' sejjer ferħan għal triqtu."*

**Atti 16:33, 34,**

*"U ħadhom f'dik is-siegħa tal-lejl, u ħaslilhom id-daqqiet; u tgħammed minnufih, hu u niesu kollha. U meta ħadhom daru, qiegħed l-ikel quddiemhom, u ferah, billi emmen f'Alla hu u n-nies ta' daru kollha."*

Kien qabel jew wara l-magħmudija li kien hemm il-ferħ?

Eżami onest ta' dawn il-passaġġi juri li l-magħmudija hija neċessarja għas-salvazzjoni. Jekk il-magħmudija mhix neċessarja għas-salvazzjoni allura li ġej għandu jkun tassew:

**Jekk il-Magħmudija MHIX neċessarja għas-salvazzjoni allura…**

1. Ġesù ma qalx il-verità f'Mark 16:16.
2. Mark 16:16 ma jfissirx dak li jgħid.
3. 1 Pietru 3:21 huwa falz.
4. Aħna m'għandniex nobdu l-ordni ta' Ġesù f'Mattew 28:19.
5. Inti tista' tkun salv mingħajr ma jkollok dnubietek maħfura (Atti 2:38).
6. Inti tista' tkun salv mingħajr ma jkollok dnubietek maħsula (Atti 22:16).
7. Inti tista' tkun salv mingħajr ma tidħol fis-saltna ta' Alla (Ġwanni 3:5).
8. Inti tista' tkun salv mingħajr kuxjenza tajba lejn Alla (1 Pietru 3:21).
9. Inti tista' tkun salv mingħajr ma tkun fi Kristu (Galatin 3:27).
10. Inti tista' tkun salv mingħajr ma timxi f'ħajja ġdida (Rumani 6:3).

**Konklużjoni:**

Il-Bibbja tgħallem li l-att tal-magħmudija huwa essenzjali fis-salvazzjoni tar-ruħ tal-bniedem. Il-magħmudija hija waqt li fih jinħafru d-dnubiet ta' dik il-persuna li titgħammed u li fih hija tibda miexja f'ħajja ġdida, jiġifieri, tkun imwielda mill-ġdid. Il-magħmudija hija kmandament tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu u minħabba f'hekk m'għandhiex tkun meħuda fuq fuq. Nittama li inti llum tikkonsidra dak li tgħallem il-Bibbja u twarrab dak kollu li jgħallmu l-bnedmin. Tinsiex li:

"*Aħna għandna nisimgħu minn Alla aktar milli mill-bnedmin.*" (Atti 5:29).